# Dun Franġisk Borġ

*Kitba ta'* **Alfred Vella**

Bħala tifel, li meta bdiet il-gwerra kont se nagħlaq is-sitt snin, ma kellniex min jieħu ħsiebna wara l-iskola. Imn'Alla li kien hawn is-sorijiet tal-Qalb Ta' Ġesù biex jgħallmuna d-duttrina u biex fil-Milied jagħtuna dik il-qoffina b'dak il-bambin tax-xema' fuq ftit tiben. Il-parroċċa xejn ma kienet tidher ħanina mat-tfal u mażżgħażagħ. Il-Kappillan u l-erba' saċerdoti kellhom iż-żmien u l-gwerra ħawdet u ħadet moħħ kulħadd. Għall-għaqdiet kien għadu li jaslu l-Mellieħa u dak is-saċerdot żagħżugħ mimli entużjażmu kien għadu s-Seminarju biex jieħu l-Ordni Sagri f'Awwissu ta' l-1943, meta l-gwerra kienet fl-aqwa tagħha.

Biex jien u tnejn minn sħabi tgħallimna ngħinu l-quddiesa ma morniex kulleġġi imma morna għand Dun Franġisk Borġ. Għallimhielna bil-Latin għax hekk kien jitlob iż-żmien b'dal il-*Confiteor* u s-*Suscipiat*. Il-Latin, lingwa fonetika, issib tarf taqrah. Fil-fatt kellna ħafna li jkantaw bil-Latin u jirrispondu bil-Latin sewwa, barra talb bħal ma hu t-*Te Deum Laudamus* u t-*Tantum Ergo* li kienu jitkantaw mill-biċċa l-kbira tan-nies. In-nies kienu jafuhom bl-amment għax fl-iskola fl-aħħar klassijiet kien hemm insistenza li tifel jew tifla tkun tafhom. Iżda dan il-Latin dejjem hi lingwa barranija u min ma joqgħodx attent malajr kelma jgħawwiġha. Dun Franġisk kien irid jisma' l-kelma eżatta għax hu kien jaf li kelma tistradikaha jekk ma ssemmagħhiex kif imiss. Kien hemm xi tgħid bil-Latin bħal *Confiteor* (Nistqarr 'l Alla) jew dik l-imbierka *Suscipiat Dominum* (Jilqa' Minn Idejk) u mhix ċajta tgħid talba bil-Latin. Kien eżerċizzju ta' memorja imma għandu jkun il-Bambin jgħinek għax ladarba konna nitgħallmuhom kienu jibqgħu f'moħħna. Min ma kienx jaqra ma jkun ra qatt ir-ritratt tal-kelma u aktar ma s-sensi jkunu mdaħħla fit-tagħlim iktar ikun hemm x'jgħin biex il-ħaġa tibqa' fil-moħħ.

L-ambjent fejn konna nitgħallmu ma tantx kien jgħinek. Kien sagrifiċċju toqgħod fuq bank, f'kamra f'dar fil-pjazza, bil-ħitan kollha miksija bil-Leħen is-Sewwa li jkun laħaq qara Dun Franġisk. Naħseb li kien il-pijunier tal-Wall Paper fil-Mellieħa! Dawn il-gazzetti ma kenux jeħlu mal-ħajt iżda mdendlin minn spag biex iżommu 'l barra mill-ħajt li kien kollu umdità. Id-dar kienet antika. Meta kien ikun ir-riħ dawn il-gazzetti kollha kienu jitħarrku u jitmewġu. Ma kienx hemm xi okkażżjoni li toffendi lill-Bambin bil-ħars lejn xi stampi. Kienu kollha Leħen is-Sewwa u barra minn dan kien ferm attent li ma jkunx ta' xi eżempju ħażin għal xi ħadd. Kien bniedem rett ħafna, jitlob 'l Alla l-ħin kollu barra s-sagrifiċċji li kien jagħmel fil-moħbi. Ta' spiss kont nisimgħu jgħid *"Gesu' Mio Misericordia"*. Fil-kitba tagħhom fil-ktieb tal-Festa Maria Bambina 1996 Dun Mose' Debono u Joe Catania jgħidu li kellu attenzjoni kbira fuqu nnifsu biex ma jdejjaq lil ħadd u ma jagħmel ħsara lil ħadd.

Biex nidraw ngħinu l-quddiesa konna ngħinu lilu meta l-quddiesa tiegħu kienet tieħu siegħa. Ma kenitx tkun tal-ħin għax kieku kien ikollna ħafna li ma jisimgħux quddies minħabba d-dewmien. In-nanna kienet titħassru u kienet timbuttani biex immur ngħinu, għax ikun waħdu. Is-sagristani, Salvu Muscat fis-Santwarju u Karmnu Gauci fil-Parroċċa, kienu jieħdu pjaċir bija għax kienu jistgħu jkomplu jnaddfu meta kien hemm jien biex ngħinu. Jien kont nieħu pjaċir ngħinu. Fejn nitfixkel kien jgħinni u bħal nieħdu paċenzja b'xulxin. Nies ma kienx ikun hemm u kont nieħu ċerta kunfidenza sew biex nirrispondi kif ukoll biex nagħmel dawk il-qadjiet żgħar, ngħinu jilbes l-alba, iċ-ċinglu biex jitħażżem, innewwillu l-istola li kien ibus qabel ma jitfagħha wara għonqu, imbagħad il-pjaneta li kellu ħabta kif idaħħalha minn rasu. Fl-aħħar nagħtih il-manikolu li kien iżomm imdendel wara jdejh. Kien iqaddes fl-artal maġġur fis-Santwarju u fl-artal tad-Duluri fil-Parroċċa. Ġieli wasalt id-dar stordut wara li tkun ilek xi siegħa u nofs li tlaqt mid-dar. Dak iż-żmien dak is-servizz fuq l-artal konna nħobbuh u fid-djar kien ikollna l-gandlieri taċ-ċomb, il-fjuretti biex bħal niċċelebraw il-quddiesa fuq xi komodina flok artal. Ġieli għamilna xi pjaneta tal-karti u għamilna kemm-il purċissjoni f'xi intrata.

Kien saċerdot ta' sagrifiċċju

b'xewqa kbira li jkun ta' għajnuna lin-nies. Kien jinteressa ruħu fil-mediċina u kellu wkoll riċetti ta' preparamenti bil-pjanti jew użu ta' pjanti bħala rimedju għal xi uġigħ u mard. Ma nafx kienx qiegħed jissogra. Kien ukoll joffri ruħu biex isiru rikorsi, kif kienu jsejħulhom l-applikazzjonijiet biex jissewwew toroq tar-raba', jinbnew ħitan, jissewwew rziezet jew biex issir xi għajn ta' l-ilma. Iċ-ċimiterju kien bħal daħal għar-responsabilta' tiegħu biex iżommu nadif, ineħħi l-palm niexef u jsaqqi l-ftit pjanti. Il-landa ta' l-ilma kien iniżżilha jew mill-knisja jew inkella jġibha minn xi mitejn metru bogħod fejn kien hemm għajn ta' l-ilma. Kien għalliem fl-iskola primarja tal-Mellieħa iżda dan ma lħaqtux. Għallem fl-ewwel għoxrin sena tas-seklu 20 wara li ħa l-quddiesa fl-1898.

Biex ikun ta' ġid għall-poplu Mellieħi ħa f'idejh it-tmexxija tat-Tunnara u jingħad min-nies li jiftakruh li Ħadd minnhom il-port kien imtela bil-ħut. It-tonn jibda jagħmel tiegħu wara l-mera, jivversja min-naħa għall-oħra b'ħafna gawwi jagħti quddiemu f'dak iċ-ċafċif kollu. Ngħidu dan għax kelli nara sitwazzjoni bħal din fil-bidu tal-ħamsinijiet meta kont lejn il-Griebeġ. Iżda minn fuq is-Sur tal-Mellieħa dan setà jitgawda wkoll. Intant nhar ta' Ħadd ma kenux imorru s-sajjieda fuq it-Tunnara iżda meta deher dak il-ħut kollu s-sajjieda talbu lil Dun Franġisk, dak iż-żmien fl-għoxrinijiet, biex jagħtihom permess imorru biex jiftħu l-lieva, fejn il-ħut kien jidħol biex jinqabad. Huma talbuh iżda permess ma tahomx li jmorru għax kien il-Ħadd u l-Ħadd kien tal-Mulej. Il-għada t-Tnejn it-tonn kien għosfor għax it-tonn ħut tal-passa. Jiġi hawn għax ma jissaportix fejn ikun u l-bajja tagħna mhix ġenna ta' l-art għalih.

Mit-Tunnara lant ma għamilx u sa ssellef biex ilaħħaq. Min kien sellfu, kappillan li kien ħenn għalih, qata' qalbu li jieħu lura dak li sellef. Iżda kif qalli s-Sur Ġużepp Stellini irnexxielu jħallas, dan Dun Franġisk, il-flus kollha bin-naqra tal-pensjoni li kellu u b'dik ix-xi ħaġa li n-nies kienu jagħtuh biex jitlob għalihom. Ma għamel l-ebda lotterija. Ittama f'Alla u Alla għenu. Min jaf kemm kien baqa' nieqes minn ħtiġijiet

In-nies kienet tgħinu iżda naħseb li laħaq bata ħafna. Kien iħossu obbligat lejn min kien jgħinu l-quddiesa. Kien jagħtik żewġ soldi għall-karawett. Jekk kont tgħinu ta' spiss kien jiġi d-dar iħallsek ta' sitta biex jagħtik xelin sħiħ. Kien ikollok tieħdu.

Meta jitlaq mid-dar, jilbes il-kappell, f'id waħda bixkilla u fl-oħra bastun u jitlaq għal għonq it-triq jitkellem ma' min jiltaqa'. Hekk niftakru. Id-Dar tal-Kleru ma kenitx għadha nbniet u meta xjieħ kellu jiġi rikoverat f'San Vinċenz de Paula. Ħalla din id-dinja fil-Milied ta' l-1951.



# Il-Qabar ta' Dun Franġisk Borġ fiċ-Ċimiterju tal-Mellieħa

*Kitba ta'* Jimmy Muscat

Meta wieħed iżur iċ-Ċimiterju tal-Mellieħa, f'waħda mill-fillieri ta' oqbra, eżattament f'dik faċċata tal-bieb ta' barra u qrib ħafna tal-kappella ta' l-istess ċimiterju, isib qabar li jġib numru 42. Fuq dan il-qabar hemm irħama bajda, żgħira u sempliċi li tgħid hekk:

*Hawn jinsab midfun*
*Dun Franġisk Borg*
*Saċerdot Qaddis*
*Li miet fil-*
*25 ta' Diċembru 1951*
*Fl-età ta' 76 sena*

— — — — —

*Inthom li ħabbejtuh f'ħajtu*
*Tinsewhx wara mewtu.*
*R.I.P.*

Forsi ftit huma dawk, speċjalment ta' taħt il-ħamsin sena, li qatt semgħu b'dan il-qassis Mellieħi li ħadem fost il-Melleħin għal iktar minn 40 sena. Dun Franġisk Borg twieled il-Mellieħa fl- 1875. Hu ġie ordnar saċerdot fl-4 ta' Ġunju 1898. Għal ħafna snin kien jgħallem fl-Iskola Elementari tal-Mellieħa kif ukoll kant Liturġiku bil-Latin lit-tfal. Kien iħobb jgħin lil min kien ikun fil-bżonn jew ikollu xi problemi u bl-umilta' kollha kien jgħix rassenjat mar-rieda t'Alla.[1]

Biex nerġgħu nirritornaw għall-qabar ta' Dun Franġisk irridu mmorru lura 92 sena. Kien eżattament nhar id-19 ta' Lulju 1911, li Dun Franġisk kiteb mid-dar fejn kien jgħix numru 25, Pjazza tal-Parroċċa, Mellieħa lill-Aġent Tenent-Gvernatur u lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern.[2]

Fl-ittra tiegħu bl-Ingliż u iffirmata minnu stess Dun Franġisk kiteb hekk:
*'Peress li nixtieq li matul ħajti nillesti dar fiċ-ċimiterju tal-Mellieħa għal fdalijiet tiegħi meta mmut, nitlob lis-sinjurija tiegħek biex tagħti struzzjonijiet ħalli jien inkun nista' nixtri lok għal qabar fil-filliera fejn hemm il-qabar numru 42 ta' l-istess ċimiterju'.*

Mill-Minuti tas-Segretarju Ewlieni tal-Gvern tal-21 ta' Awissu 1911, jidher li ma nstabet l-ebda oġġezzjoni min-naħa ta' l-Awtoritajiet għat-talba



J. Muscat

*Dehra ġenerali tal-qabar ta' Dun Franġisk fiċ-Ċimiterju tal-Mellieħa*

numru B.1144/11 ta' Dun Franġisk. Il-valur tas-sit għall-qabar kellu jkun ta' 2 Liri Sterlini minbarra l-ispiża tal-kuntratt.[3] B'ittra tal-25 ta' Awissu 1911, Dun Franġisk ġie wkoll notifikat mill-Uffiċċju tat-Tenent - Gvernatur biex huwa stess jikkuntattja lill-Aġent Tabib Prinċipali tal-Gvern li min-naħa tiegħu kien ġie mogħti struzzjonijiet mill-istess Uffiċċju in konnessjoni ma' dik it-talba għal qabar fiċ-Ċimiterju tal-Mellieħa.[4]

Il-kuntratt tax-xiri ta' dan il-qabar jidher li ħa xi ftit taż-żmien biex ġie iffinalizżat min-Nutar tal-Gvern għax infatti nsibu li ġie ffirmat sena wara, fit-23 ta' Settembru, 1912.[5]

Dun Franġisk miet nhar il-Milied ta' l-1951 fil-għomor ta' 76 sena. Tkun ħaġa xierqa li nies bħal Dun Franġisk Borg jiġu mfakkra u mogħtija ġieħ għax-xogħol fejjiedi li jkunu wettqu matul ħajjithom għall- ġid spiritwali u temporali tal-poplu Mellieħi.

*Referenzi*

[1] Dun Mosè Debono u Joe Catania, Festa Maria Bambina, Mellieħa, 1996. p. 47.
[2] C.S.G. 83/14.
[3] B.1144/11. Min.2.
[4] B.1144/11. No.2980.
[5] B.1144/11 Min.6.

To His Honour, B. 1144/11
The Acting Lieut Governor and
Chief Secretary to Gov t.

LIEUTENANT GOVERNOR'S OFFICE
RECEIVED
20-JUL-11
MALTA

Sir,

Being my pleasure and wish to prepare during my life a home in the Cemetery of Mellieha for the rest of my future remains, I beseech Your Honour to direct that a site for a tomb my I purchase, and be the same granted to me [in row and at the foot of the tomb having the N. 42 of the above mentioned Cemetery].

I have the honour to be,
Sir,
Your humble servant,
Rev Francis Borg.

Piazza Parrocchiale, N. 25,
Mellieha
July, 19th, 1911

*Kopja ta' l-ittra bl-Ingliż li Dun Franġisk kiteb meta applika għal qabar fiċ-Ċimiterju tal-Mellieħa u korrispondenza oħra relatata.*




J. Muscat

*L-irħama sempliċi li tinsab fuq il-qabar ta' Dun Franġisk Borg fiċ-Ċimiterju tal-Mellieħa*

B 1144/11

From whom Rev. Francis Borg
Place Mellieha
Date 19.7.11

Subject.
Applies for permission to purchase a grave at Mellieha Cemetery

| Former papers | MINUTES. |
| --- | --- |
| | C.G.M.O. For your observations. E.B. 20/7 |
| | No objection. The value of the site for grave asked for is £2. 0.0, exclusive of the fee for the necessary contract. 21.8.11 A.C. |
| | B.S. and pass to A/C.G.M.O. E.B. 23/8 |
| Lt. Governor—172 | 2980 25.8.11 |

B 1144/11

No. 2980

*Lieutenant Governor's Office—Malta.*

Valletta, 25 Aug 1911

Sir,

In reply to your communication dated the 19th ultimo I have the honour to request that you will communicate with the Actg Chief Govt. Medical Officer, to whom the necessary instructions have been given in connection with the matter referred to by you.

I have the honour to be,
Sir,
Your most obedient servant,

E.B.
A/Lieutenant-Governor
and Chief Secretary to Government.

Rev. Francesco Borg
25 Piazza Parrocchiale
Mellieha.

Lt.-Governor—77.